



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



Annemie Turtelboom

Imwiela f'Ninove, il-Belġju, fl-1967.

Edukazzjoni:

Annemie Turtelboom iggradwat mill-Katholieke Universiteit ta' Leuven fl-1993 b'MA fl-Ekonomija, wara li qabel kienet kisbet Ċertifikat ta' Għalliema mill-Istitut Guardini f'Antwerp fl-1988.

Esperjenza professjonali:

Annemie Turtelboom bdiet il-karriera politika tagħha bħala Membru tal-Parlament Federali Belġjan (2003-2007), wara li għallmet il-Kummerċjalizzazzjoni għal 10 snin bħala lekċerer f'Leuven. Hija kienet Ministru għall-Migrazzjoni (2008-2009) u Ministru għall-Intern (2009-2012) fil-Gvern Federali Belġjan. Imbagħad, kienet Ministru għall-Ġustizzja (2012-2014), fejn issorveljat l-abdikazzjoni ta' Albert II, ir-Re tal-Belġjani, u l-investitura tar-Re Philippe. Matul dawn il-karigi, hija rrappreżentat ir-Renju tal-Belġju fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-UE, li hija ppresediet fl-2010.

Wara li ħadmet bħala Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Baġit, il-Finanzi u l-Enerġija fil-Gvern Reġjonali Fjamming (2014-2016), hija rritornat għall-Parlament Federali Belġjan, fejn kienet Membru attiv tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin sa April 2018.

Annemie Turtelboom tkellmet b'mod estensiv dwar suġġetti relatati mas-sigurtà u mal-migrazzjoni fl-Ewropa fin-Nazzjonijiet Uniti, f'Washington D.C. u f'diversi bliet kapitali Ewropej.

Attivitajiet oħra:

Sa April 2018, Annemie Turtelboom eżerċitat għadd ta' karigi fiż-żona ta' Antwerp, inklużi dawk bħala Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Antwerp u tal-Bord tad-Diretturi tal-Port ta' Antwerp mill-2012, kif ukoll fil-Muniċipalità ta' Puurs. Fl-2010, Annemie kienet koawtur ta' ktieb intitolat "*De toekomst kan elk moment beginnen*" (Il-futur jista' jibda fi kwalunkwe mument).